**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 24 ta' Gunju 2002.**

**Pulizija**
**Spettur Morgan Azzopardi**

**Vs**

**Anthony Calleja.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Calleja ta' 31 sena, bin Carmelo u Salvina nee' Degabriele, imwieled Pieta' fl-4 ta' Settembru 1970, u residenti 'Charsil House', Triq id-Dugh, Marsascala, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 377970 (M);

Talli bejn Marzu u April 2002, gewwa Triq is-Sliem, Wied il-Ghajn, ikkommetta serq ta' kumpressur tal-marka Atlas Coppo ghad-detriment ta' Joseph Cachia, numru tal-karta tal-identita' 777060M, minn Hal Safi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1000), mezz u hin;

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk

dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal, biex ibieghhom jew imexxihom.

Wara illi rat l-Artikoli 261, 264, 267, 270 u 334 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fuq it-tieni akkuza, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-istess imputat, hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni, fuq din it-tieni akkuza.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti, filwaqt illi ma' tistax issibu hati fuq l-ewwel akkuza u ghaldaqstant qeghda tilliberah, qeghda ssibu hati fuq it-tieni akkuza, u wara ammissjoni qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.